VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,829, 14 ta' Novembru, 2011
Taqsima B

A.L. 456 tal-2011

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2011 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tħassir ta' Mgħax u Penali Amministrattivi nkorsi taħt l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 21, 42 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Tħassir ta' Mgħax u Penali Amministrattivi nkorsi taħt l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud).

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għat-tħassir ta' imgħax u/jew penali amministrattivi inkorsi jew li għandhom jiddekorru taħt l-Atti skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li hemm fl-Anness A ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsira

2. F'dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Atti" tfisser l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Kliem u frażijiet oħra għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Data Effettiva

3. B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, imgħax u penali amministrattiva m'għandomx jibqgħu jiddekorru fuq xi ammont ta' taxxa dovuta f'xi żmien ta' taxxa taħt l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Tħassir ta' darba

4. Il-Kummissarju jista' jħassar, ta' darba, imgħax u/jew penali amministrattiva inkorsi jew li jiddekorru lil xi persuna taħt l-Atti skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri li hemm fl-Anness A ta' dawn ir-regolamenti.

Ma tistax tintalab rifużjoni

5. Xejn f'dawn ir-regolamenti ma għandu jintitola xi persuna li titlob rifużjoni ta' xi ammont li jirrapresenta mgħax jew penali amministrattiva diġa mħallsa lill-Kummissarju skond il-provedimenti tal-Atti.

Tnaqqis għal imgħax imħassar

6. Fejn persuna tkun ibbenefikat minn tħassir ta' imgħax skond dawn ir-regolamenti, il-Kummissarju jista' jnaqqas ammont ta' mgħax li jista' jsir dovut lil dik il-persuna fuq xi rifużjoni ta' taxxa ekwivalenti għall-ammont ta' mgħax li jkun tħassar sa żmien sitt snin mid-data li fiha jkun sar it-tħassir taħt dawn ir-regolamenti.

ANNESS A

Kundizzjonijiet u proċeduri għat-Tħassir ta' Imgħax u Penali Amministrattivi inkorsi taħt l-Atti

1. Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri segwenti għandhom japplikaw fuq arretrati ta' taxxa, imgħax u penali amministrattivi li huma dovuti minn persuna reġistrata taħt xi wieħed mill-Atti fil-15 ta' Ottubru 2011.

2. Għal għanijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Anness:

(a) it-"total ta' bilanċ dovut li għadu jrid jitħallas" huwa t-total ta' bilanċ ta' taxxa, imgħax u penali amministrattivi dovuti taħt xi wieħed mill-Atti separatament għall-perjodi ta' taxxa li d-denunzji tagħhom kienu dovuti li jintbagħatu sal-15 ta' Ottubru 2011.

(b) it-"total ta' imgħax u penali amministrattivi li ddekkorrew" huwa t-total ta' imgħax u penali amministrattivi li ddekkorrew taħt xi wieħed mill-Atti separatament għall-perjodi ta' taxxa li d-denunzji tagħhom kienu dovuti li jintbgħatu sal-15 ta' Ottubru 2011, wara li tnaqqas kull penali amministrattivi u imgħax li kienu mnaqqsa b'xi skema oħra jew b'aġġustament.

3. L-"ammont ta' imgħax u penali" li fuqu għandu japplika t-tħassir skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Anness għandu jinħadem kif ġej:

(a) Jekk it-"total ta' bilanċ dovut li għadu jrid jitħallas" jkun daqs jew akbar mit-"total ta' imgħax u penali amministrattivi li ddekkorrew" allura l-ammont li dwaru għandu japplika it-tħassir skont il-paragrafu 5, għandu jkun it-"total ta' imgħax u penali amministrattivi li ddekkorrew";

(b) Jekk it-"total ta' bilanċ dovut li għadu jrid jitħallas" jkun anqas mit-"total ta' imgħax u penali amministrattivi li ddekkorrew" allura l-ammont li dwaru għandu japplika it-tħassir skont il-paragrafu 5, għandu jkun it- "total ta' bilanċ dovut li għadu jrid jitħallas".

4. Persuna reġistrata taħt xi wieħed mill-Atti għandha tikkwalifika għat-tħassir skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Anness jekk:

(a) Ikollha tagħti arretrati hekk kif hemm fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness;

(b) Tkun daħlet sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2012, id-denunzji kollha ta' taxxa fuq valur miżjud li ma ntbagħtux u li kienu dovuti li jiddaħħlu sal-15 ta' Ottubru 2011;

(ċ) Tkun daħħlet denunzji ta' taxxa fuq valur miżjud dovuti fil-15 ta' Novembru 2011 u fid-dati li fihom sussegwentement jiġu dovuti d-denunzji ta' wara din id-data, fil-ħin u bil-pagament li jkun dikjarat fid-denunzji ta' taxxa rispettivi;

(d) Tkun għamlet il-pagamenti lill-Kummissarju taħt il-kundizzjonijiet li hemm fil-paragrafu 5 ta' dan l-Anness;

(e) Tkun irtirat kull appell li tkun għamlet mal-Bord tal-Appelli, it-Tribunal Amministrattiv dwar Reviżjoni jew il-Qorti tal-Appell sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2012.

5. Kull tħassir għandu jsir fuq il-merti ta' kull każ u, ħlief għal persuna reġistrata taħt l-artikolu 11, għandu jkun suġġett għal dan li ġej:

(a) fejn persuna tħallas il-bilanċ ta' taxxa, imgħax u penali li jirriżulta sa mhux aktar tard mil-15 ta' Marzu 2012, l-ammont ta' imgħax u penali kif definit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Anness għandu jitħassar bi 80%;

(b) fejn persuna tħallas il-bilanċ ta' taxxa, imgħax u penali li jirriżulta sa mhux aktar tard mil-15 ta' Mejju 2012, l-ammont ta' imgħax u penali kif definit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Anness għandu jitħassar b` 70% kemm il-darba jsir ħlas bil-quddiem fl-ammont ta' 30% tal-bilanċ ta' taxxa, imgħax u penali li jirriżulta sa mhux aktar tard mil-15 ta' Marzu 2012 u l-bilanċ li jibqa' jitħallas f'ammonti ndaqs f'kull xahar li jkun fadal;

(ċ) fejn persuna tħallas il-bilanċ ta' taxxa, imgħax u penali li jirriżulta sa mhux aktar tard mil-15 ta' Awissu 2012, l-ammont ta' imgħax u penali kif definit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Anness għandu jitħassar b`60% kemm il-darba jsir ħlas bil-quddiem fl-ammont ta' 30% tal-bilanċ ta' taxxa, imgħax u penali li jirriżulta sa mhux aktar tard mil-15 ta' Marzu 2012 u l-bilanċ li jibqa' jitħallas f'ammonti ndaqs f'kull xahar li jkun fadal;

(d) fejn persuna tħallas il-bilanċ ta' taxxa, imgħax u penali li jirriżulta sa mhux aktar tard mil-15 ta' Frar 2013, l-ammont ta' imgħax u penali kif definit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Anness għandu jitħassar b`50% kemm il-darba jsir ħlas bil-quddiem fl-ammont ta' 30% tal-bilanċ ta' taxxa, imgħax u penali li jirriżulta sa mhux aktar tard mil-15 ta' Marzu 2012 u l-bilanċ li jibqa' jitħallas f'ammonti ndaqs f'kull xahar li jkun fadal.

6. Barra minn hekk kull imgħax u penali amministrattiva li tiddekorri matul iż-żmien li jkun qed isir il-ħlas tal-arretrati għandu jitħassar ukoll kemm il-darba l-persuna ddaħħal fil-ħin, flimkien mal-ħlas dovut skond id-denunzja rispettiva, kull denunzja ta' taxxa fuq valur miżjud li tkun dovuta li tiddaħħal fid-dati li jiġu wara d-data li hemm stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness.

7. Meta persuna kellha ddaħħal dikjarazzjoni skont l-artikolu 11 jew l-artikolu 12 tal-Att tal-1998, il-penali amministrattiva għandha titnaqqas għal €10 għal kull nuqqas, kemm il-darba iżda kull dikjarazzjoni nieqsa u l-ħlas ta' dik il-penali amministrattiva jkun sar sal-15 ta' Jannar 2012.

8. Il-Kummissarju għandu jirriserva d-dritt li jirtira kull arranġament dwar it-tħassir ta' kull imgħax u/jew penali amminitrattivi meta sseħħ xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet li ġej:

(a) Jekk il-persuna tonqos li tonora fil-ħin mill-anqas żewġ rati ta' pagamenti;

(b) Jekk il-Kummissarju jikkonsidra li dak it-tħassir jista' jwassal għal gwadann mhux ġustifikat li jmur kontra jew jeċċedi l-għanijiet tal-Atti jew iwassal għall-iskartar ta' ottemprament ma` xi deċizjoni jew ordni tal-Qorti minn xi persuna li tidħol f'dawk l-arranġamenti;

(ċ) Jekk il-persuna li turi x-xewqa li tibbenefika mill-arranġament tkun instabet ħatja ta' xi offiża taħt l-artikolu 77 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, 1998, jew tkun soġġetta għal proċeduri kriminali fir-rigward ta' tali att jew tkun soġġetta għal proċeduri kriminali dwar frodi ta' taxxa fuq il-Valur Mizjud (ħlief għal proċeduri dwar in-nuqqas ta' ħruġ ta' riċevuta fiskali).

9. L-ebda tħassir ma jkollu effett fil-kont tal-persuna reġistrata kemm il-darba u qabel ma dik il-persuna tkun għamlet l-aħħar ħlas, kif miftiehem, għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju.